MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Numru. 491/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Francis Schembri bin Joseph u Josephine nee' Zammit,
imwieled fl-1 ta' April, 1961 u residenti Neptunes Flats,
Flat 2, Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 16861(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Schembri li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' April, 2007, ghal habta tat-08:15 a.m. fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Ghawdex:

1) volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied
2) talli verbalment ingurja lil Rev. Fr. Emanuel Saliba u lil Antonia Saliba t-tnejn miz-Zebbug, Ghawdex
3) u talli bil-hsieb li jiraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Antonia Saliba, Rev Fr. Emanuel Saliba, Joseph Saliba, Angela Schembri u lil Fabiana Grech fil-pussess ta' hwejjighom u ndahal fi hwejjighom billi sfrattalhom lil haddiema nkarigati minnhom ghax-xoghol ta' hwejjighom u keccielhom lil dawn il-haddiema u ma hallihomx ikahhlu minn barra hajt tal-blokk flats li huwa proprjeta' taghhom u ta' Michael Fiteni, u liema blokk huwa maghruf bhala "St Paul's Court" Triq Xwejni, Marsalforn.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-artikoli 338 dd, 339 (e) u 85 ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel akkuza tirrizulta ppruvata peress illi l-imputat iggieled mal-kwerelant;

Dwar it-tieni akkuza tirrizulta li l-imputat ingurja lil Father Emanuel Saliba;

Dwar it-tielet akkuza jirrizulta illi l-imputat fil-kwalita' tieghu personali kif gie imharrek ma ghandu l-ebda drittijiet fuq il-proprjeta' in kwistjoni gewwa Marsalforn u ghalhekk huwa ma kellux dritt jiehu l-ligi b'idejh u jmur iwaqqaf il-haddiema milli jkomplu bix-xoghlijiet u kellu mezzi ohra ghad-dispozizzjoni tieghu. Billi mhux kontestat illi l-blokk ta' l-appartamenti fejn kellhom isiru x-xoghlijiet huwa proprjeta' tal-parti leza, issibu hati u tikkundannah multa ta' mitt lira Maltin (Lm100);

Illi l-Qorti qed torbot lill-hati b'garanzija personali ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghal zmien sena mil-lum biex bl-ebda mod ma jkellem jew javvicina lil Fr. Emanuel Saliba;

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuza illi huwa ngurja lil Antonia Saliba peress illi din ma tirrizultax ippruvata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------